

Brussell, 17 ta' Ottubru 2023  
(OR. en)

14286/23

CLIMA 484  
ENV 1140  
ONU 81

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 13840/23

---

Suġġett: Preżentazzjoni lill-UNFCCC fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha dwar l-aġġornament tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali (NDC) tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha  
– Approvazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Preżentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvata mill-Kunsill fit-3973 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Ottubru 2023.

**PREŻENTAZZJONI MINN SPANJA U L-KUMMISSJONI EWROPEA F'ISEM L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA**

Madrid, 16 ta' Ottubru 2023

**Suġġett: L-aġġornament tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha**

Din il-preżentazzjoni tikkonsisti minn tliet partijiet: 1) Ħarsa ġenerali, 2) il-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) tal-UE aġġornat u 3) l-Infurmazzjoni mogħtija biex tiffaċilita ċ-Ċarezza, it-Trasparenza u l-Fehim (ICTU) tal-NDC.

**I. ĦARSA ĠENERALI**

**Sommarju tal-iżviluppi proċedurali**

1. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ppreżentaw il-kontribut maħsub stabbilit fil-livell nazzjonali (INDC) tagħhom fis-**6 ta' Marzu 2015**, flimkien ma' anness b'infurmazzjoni kwantifikabbli u kwalitattiva dwar l-INDC, f'konformità mad-deċiżjonijiet meħuda fl-għoxrin sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP) f'Lima.
2. L-INDC tal-UE sar l-NDC tagħha meta l-UE rratifikat il-Ftehim ta' Pariġi f'**Ottubru 2016**, b'mira ta' **tnaqqis ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha sal-2030, meta mqabbel mal-livelli tal-1990**.

3. F'**Diċembru 2019**, il-Kunsill Ewropew (il-kapijiet ta' stat jew ta' gvern tal-Istati Membri tal-UE, il-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kummissjoni Ewropea) approva l-objettiv li tinkiseb **UE b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050**, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Fil-**5 ta' Marzu 2020**, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta strateġija fit-tul għal żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-UE u l-Istati Membri tagħha, li tirrifletti dan l-**objettiv tan-newtralità klimatika** u ppreżentaha lis-Segretarjat tal-UNFCCC.
4. Fil-**11 ta' Diċembru 2020**, il-Kunsill Ewropew approva mira klimatika ġdida u aktar ambizzjuża tal-UE għall-2030 applikabbli għall-UE u s-27 Stat Membru tagħha ta' "**tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet ta' gass serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990**" u ppreżentaha lis-Segretarjat tal-UNFCCC bħala **NDC aġġornat u msaħħaħ fit-18 ta' Diċembru 2020**<sup>1</sup>.
5. Fit-**30 ta' Ġunju 2021**, l-UE ppubblikat Regolament li jstabilixxi objettiv vinkolanti tan-newtralità klimatika fl-Unjoni Ewropea sa mhux aktar tard mill-2050, bl-għan li jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, u li jstabilixxi l-qafas legali biex tinkiseb in-newtralità klimatika, magħruf bħala l-**Liġi Ewropea dwar il-Klima**<sup>2</sup>. Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima kkonfermat it-tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990, u stabbilietu bħala mira legalment vinkolanti.
6. Fl-**14 ta' Lulju 2021**, il-Kummissjoni Ewropea adottat is-sett ta' proposti "**Lesti għall-mira ta' 55 %**" biex tirrevedi u taġġorna l-leġiżlazzjoni tal-UE bil-għan li tiżgura li l-politiki tal-UE jkunu konformi mal-għanijiet klimatiċi stabbiliti fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

---

<sup>1</sup> [https://unfccc.int/sites/default/files/NDC/2022-06/EU\\_NDC\\_Submission\\_December%202020.pdf](https://unfccc.int/sites/default/files/NDC/2022-06/EU_NDC_Submission_December%202020.pdf)

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Liġi Ewropea dwar il-Klima")

7. Fl-2023 il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew adottaw formalment l-elementi essenzjali kollha tal-**qafas leġislattiv** meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", u l-leġislazzjoni miftiehma<sup>3</sup> ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
8. Id-dettalji dwar il-politiki rilevanti għall-implimentazzjoni tal-NDC ġew riveduti fid-dawl tal-adozzjoni tal-**qafas leġislattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %" u l-aġġornamenti rispettivi huma ppreżentati f'din il-Parti u fil-Parti 3 ta' din il-preżentazzjoni (l-ICTU).**
9. Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-qafas leġislattiv "Lesti għall-mira ta' 55 %", ladarba implimentat bis-sħiħ, jista' jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jaqbżu l-mira tal-UE għal tnaqqis domestiku nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-1990 sal-2030.
10. B'din il-preżentazzjoni, l-UE taġġorna l-informazzjoni dwar l-NDC tagħha qabel il-COP28 u titlob lis-Segretarjat tal-UNFCCC jikkunsidra l-informazzjoni teknika rilevanti li tinsab f'din il-preżentazzjoni fir-Rapport ta' Sintesi tas-Segretarjat dwar l-NDC.

---

<sup>3</sup> Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (Direttiva ETS); Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (ETS Avjazzjoni); Ir-Regolament (UE) 2023/857 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u r-Regolament (UE) 2018/1999 (Regolament dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi); Ir-Regolament (UE) 2023/839 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli dwar ir-rapportar u l-konformità, u l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030, u r-Regolament (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (Regolament LULUCF).

*Il-politiki domestiċi ewlenin adottati fid-dawl tal-mira klimatika l-ġdida li ntlaħaq qbil dwarha f'Diċembru 2020 huma miġbura fil-qosor fil-paragrafi li ġejjin kif ukoll fil-Parti 3 ta' dan id-dokument (ICTU).*

11. Il-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet skont il-leġiżlazzjoni tal-UE huma koperti mis-Sistema tal-UE **għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS)**, ir-**Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR)**, u r-regolament dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti relatati mal-użu tal-art (**LULUCF**). Leġiżlazzjoni u politiki addizzjonali dwar l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, parti mill-qafas "Lesti għall-mira ta' 55 %" jikkontribwixxu wkoll għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-UE għall-2030.
12. L-**EU ETS**, li ilha topera mill-2005, tagħti prezz lill-karbonju billi tistabbilixxi limitu fuq l-għadd massimu ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi li tkopri. L-UE rrieżaminat u emendat il-leġiżlazzjoni tagħha li tistabbilixxi **mira ġdida biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mis-setturi eżistenti tal-EU ETS u mill-qasam marittimu għal 62 % sal-2030, meta mqabbel mal-livelli tal-2005.**
13. L-estensjoni tal-**EU ETS għall-emissjonijiet marittimi** ser tkopri l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, tal-metan u tal-ossidu nitruż minn bastimenti ta' aktar minn 5000 tonnellaġġ gross u ser tapplika għal **50 % tal-emissjonijiet minn vjaġġi li jibdew jew jintemmu barra mill-UE**, u inkluż l-emissjonijiet kollha minn vjaġġi fl-UE u l-emissjonijiet minn bastimenti fil-portijiet tal-UE.
14. Fir-rigward tal-**avjazzjoni kummerċjali**, l-EU ETS ser tkompli tapplika pprezzar tal-karbonju effettiv għal titjiriet intra-Ewropej u titjiriet li jitolqu lejn ir-Renju Unit u lejn l-Iżvizzera. Barra minn hekk, hemm fis-seħħ leġiżlazzjoni biex tiġi applikata l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (CORSA), kif xieraq, għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru bbażati fl-UE għal titjiriet lejn u minn pajjiżi terzi oħra li jipparteċipaw fil-CORSA, u biex jiġi applikat l-ipprezzar tal-karbonju għall-emissjonijiet minn titjiriet li jinvolvu pajjiżi terzi li ma japplikawx il-CORSA mill-bidu tal-2027.

15. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS tapplika wkoll qafas separat tal-**ipprezzar tal-karbonju għall-kombustjoni tal-fjuwil fit-trasport bit-triq u fil-bini u għal setturi addizzjonali (ETS2)** u hija mfassla biex tipprezza l-emissjonijiet mill-2027<sup>4</sup> mingħajr allokazzjoni bla ħlas u biex tikkontribwixxi għal tnaqqis ta' **42 % fl-emissjonijiet sal-2030 meta mqabbel mal-2005** fis-setturi koperti.
16. Skont ir-**Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi** rivedut, il-leġiżlazzjoni tal-UE tistabbilixxi miri mtejba ta' tnaqqis vinkolanti individwali għall-Istati Membri għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra mhux koperti mill-EU ETS eżistenti, jiġifieri t-trasport domestiku (ħlief l-avjazzjoni), il-bini, l-agrikoltura, l-iskart u l-industriji ż-żgħar b'mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra **fil-livell tal-UE ta' 40 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005**.
17. Fis-settur tal-LULUCF, l-UE adottat **mira tal-Unjoni għall-assorbimenti netti ta' gassijiet serra ta' 310 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>**, bħala somma tal-emissjonijiet u l-assorbimenti netti ta' gassijiet serra rrappurtati fis-settur fl-2030. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni l-għdida issa tinkludi l-emissjonijiet u l-assorbimenti kollha rrappurtati għall-art ġestita kollha fl-Unjoni.
18. Fir-rigward ta' **karożżi u vannijiet ġodda**, l-UE adottat leġiżlazzjoni biex tnaqqas **55 % tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal karożżi ġodda u 50 % għal vannijiet ġodda mill-2030 sal-2034, u għal tnaqqis ta' 100 % fl-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-2035 għal karożżi u vannijiet ġodda**.
19. Intlaħaq qbil dwar **miri ambizzjużi għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija u għal żieda ta' sorsi rinnovabbli** fit-taħlita tal-enerġija tal-UE. F'konformità mal-pjan tal-Kummissjoni Ewropea li l-Ewropa ssir indipendenti mill-fjuwils fossili Russi ferm qabel l-2030, (RePowerEU), l-UE qablet li żżid l-ambizzjoni dwar l-iffrankar tal-enerġija permezz ta' mira msaħħa **biex jitnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-livell tal-UE bi 11.7 % fl-2030** u mira għdida biex **tizzied l-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija ta' mill-inqas 42.5 % sal-2030**, b'żieda indikattiva addizzjonali ta' 2.5 % li tippermetti li jintlaħaq 45 %.

---

<sup>4</sup> Fil-każ ta' prezzijiet eċċezzjonalment għoljin tal-gass u taż-żejt fix-xhur ta' qabel il-bidu previst tal-ETS2, din is-sistema ser tibda topera mill-2028. Madankollu, l-ambizzjoni f'termini ta' tnaqqis tal-gassijiet serra tibqa' l-istess.

*Elementi addizzjonali relatati mal-isforzi ġenerali tal-UE dwar l-azzjoni klimatika*

20. Il-fjuwils sostenibbli tat-trasport jistgħu jaqdu rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. F'Marzu u April 2023 rispettivament, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew laħqu **ftehim dwar il-proposti FuelEU maritime u RefuelEU aviation** biex jiżdied l-użu ta' fjuwils sostenibbli mill-inġenji tal-ajru u l-bastimenti u titnaqqas l-impronta ambjentali tagħhom.
21. Regolament dwar il-varar ta' **infrastruttura tal-fjuwils alternattivi** biex jiġi żgurat li l-pubbliku jkollu aċċess għal network ta' infrastruttura suffiċjenti għall-irriċarġjar jew għar-riforniment ta' vetturi tat-triq jew bastimenti bi fjuwils alternattivi ġie adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u dalwaqt ser jidhul fis-seħħ. Ir-regolament propost ser ikollu rwol importanti fl-aċċellerazzjoni tal-varar ta' dawn l-infrastrutturi sabiex ma jiġix imfixkel l-użu ta' vetturi u bastimenti b'emissjonijiet żero jew baxxi, u b'hekk jibda ċirku virtuż, u s-settur tat-trasport ikun jista' jnaqqas b'mod sinifikanti l-impronta tal-karbonju tiegħu.
22. Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, f'Lulju 2020, il-mexxejja tal-UE approvaw li mira klimatika ġenerali ta' **30 % tapplika għall-ammont totali tan-nefqa mill-Baġit tal-UE u għal strumenti ta' rkupru addizzjonali** bil-ħsieb li jikkonformaw mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050 u jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira klimatika l-ġdida tal-Unjoni għall-2030. Huma kkonfermaw li bħala prinċipju ġenerali n-nefqa kollha tal-UE għandha tkun konsistenti mal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. B'dan u b'miżuri oħra bħall-EU ETS, u b'politiki tas-suq finanzjarju addizzjonali, eż. il-Qafas tal-UE għall-Finanzi Sostenibbli, l-UE tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Artikolu 2.1.(c) biex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u reżiljenti għall-klima.

23. Sabiex tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima b'mod ġust, mingħajr ħadd ma jitħalla jibqa' lura l-UE stabbiliet **Fond Soċjali għall-Klima biex jappoġġa lill-unitajiet domestiċi**, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli biex ilaħħqu mal-impatti fuq il-prezzijiet tas-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq u l-fjuwils għal setturi addizzjonali. Fil-prinċipju, għandu jsir disponibbli l-ammont massimu ta' EUR 65 biljun għall-perjodu 2026-2032 f'konformità mal-artikoli stabbiliti fir-Regolament tiegħu<sup>5</sup>.
24. Ir-reviżjoni tal-EU ETS issaħħaħ ukoll il-**Fond għall-Modernizzazzjoni ffinanzjat mill-EU ETS biex mill-2024 jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet ta' investiment sinifikanti tat-13-il Stat Membru bi dħul aktar baxx**. Dan jinkludi appoġġ għall-investimenti biex jiġu mmodernizzati s-sistemi tal-enerġija u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika fil-ħżin tal-enerġija, fil-ġenerazzjoni u fl-użu ta' sorsi rinnovabbli u fil-modernizzazzjoni ta' networks tal-enerġija, inkluż il-pipelines, il-grilji u t-tiħin distrettwali, filwaqt li tiġi promossa **tranżizzjoni ġusta** f'reġjuni dipendenti fuq il-karbonju. Il-Fond għall-Modernizzazzjoni huwa ffinanzjat mid-dħul mill-irkant ta' 2 % tal-kwoti totali għall-2021-30 taħt l-EU ETS u kwoti addizzjonali trasferiti mill-Istati Membri benefiċjarji - 5 għażlu li jagħmlu dan. Barra minn hekk, 2.5 % tal-kwantità totali ta' kwoti bejn l-2024 u l-2030 għandhom jiġu rkantati għall-Fond għall-Modernizzazzjoni.
25. Barra minn hekk, il-**Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS** huwa wieħed mill-akbar programmi ta' finanzjament tad-dinja għad-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-Fond għall-Innovazzjoni, iffinanzjat 100 % mill-EU ETS, ser jipprovdi madwar EUR 38 biljun f'appoġġ mill-2020 sal-2030 (ikkalkulat b'EUR 75 / tCO<sub>2</sub>), skont il-prezz tal-karbonju, għad-dimostrazzjoni kummerċjali ta' teknoloġiji innovattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bl-għan li jġib fis-suq soluzzjonijiet industrijali għad-dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa u jappoġġa t-tranżizzjoni tagħha lejn in-newtralità klimatika.

---

<sup>5</sup> REGOLAMENTO (UE) 2023/955 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1060

26. **Mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (CBAM)** ser jagħti prezz lill-kontenut tal-karbonju tal-importazzjonijiet ta' għażla mmirata ta' prodotti. L-objettiv primarju tas-CBAM huwa li jipprevjeni r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u ż-żidiet fl-emissjonijiet f'pajjiżi terzi billi jiżgura li ċerti prodotti importati jkollhom l-istess prezz tal-karbonju bħall-produtturi domestiċi tal-UE. Dan ser jiġi applikat b'mod mhux diskriminatorju konsistenti mar-regoli kummerċjali internazzjonali, u l-applikazzjoni tiegħu ser ttiprovdi l-bażi għal kooperazzjoni internazzjonali aktar profonda.
27. L-UE hija impenjata li tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u reattiv hhal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-azzjoni klimatika, li tippromwovi l-ekwi-tà soċjali, il-ġustizzja u l-inklużività fit-tranżizzjoni globali lejn in-newtralità klimatika, il-parteeċipazzjoni u l-involviment sħiħ, ugwali u sinifikanti tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-klima u li tissodisfa bis-sħiħ l-obbligi tagħna dwar id-drittijiet tal-bniedem meta nieħdu azzjoni biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima.

## II. AĠĠORNAMENT TAL-KONTRIBUT STABBILIT FIL-LIVELL NAZZJONALI (NDC) TAL-UE U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA

28. L-UE u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt, huma impenjati lejn mira legalment vinkolanti ta' tnaqqis **domestiku<sup>6</sup> fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra netti b'mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-1990 sal-2030.**
29. Dan id-dokument jissostitwixxi<sup>7</sup> l-preżentazzjoni tas-17 ta' Diċembru 2020 tal-UE u l-Istati Membri tagħha li tinsab fir-reġistru interim tal-NDCs tal-UNFCCC u, mid-data li din il-preżentazzjoni tasal għand is-Segretarjat, ser titqies bħala l-NDC attwali miżmum mill-UE u l-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi.

---

<sup>6</sup> It-terminu "domestiku" jfisser mingħajr l-użu ta' krediti internazzjonali.

<sup>7</sup> F'konformità mal-paragrafu 29 tal-preżentazzjoni tas-17 ta' Diċembru tal-UE u l-Istati Membri tagħha.

### III. INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA GĦAĊ-ĊAREZZA, IT-TRASPARENZA U L-FEHIM (ICTU) TAL-NDC TAL-UE

30. Fl-2018, f'Katowice, fl-ewwel sessjoni tal-COP li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA1), il-Partijiet qablu dwar gwida dwar l-informazzjoni meħtieġa għaċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim (ICTU) kif applikabbli għall-NDCs tagħhom.
31. Din il-Parti taġġorna l-ICTU mid-data ta' din il-preżentazzjoni.

---

**INFORMAZZJONI LI TIFFAĊILITA Ċ-ĊAREZZA, IT-TRASPARENZA U L-FEHIM TAL-KONTRIBUT STABILIT FIL-LIVELL NAZZJONALI AĠĠORNAT TAL-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA GĦALL-PERJODU 2021-2030**

**Informazzjoni meħtieġa għaċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim tal-NDC tal-UE**

*Parag Gwida pprovduta mis-CMA 1 rafu*

*ICTU applikabbli għall-NDC tal-UE*

**1 Informazzjoni kwantifikabbli dwar il-punt ta' referenza (inkluż, kif xieraq, sena bażi):**

(a)	Sena/snin ta' referenza, sena/snin bażi, perjodu/i ta' referenza jew punt(i) tat-tluq oħra;	1990
(b)	Informazzjoni kwantifikabbli dwar l-indikaturi ta' referenza, il-valuri tagħhom fis-sena/snin ta' referenza, sena/snin bażi, perjodu/i ta' referenza jew punt(i) tat-tluq oħra, u, kif applikabbli, fis-sena fil-mira;	Il-kwantifikazzjoni tal-indikatur ta' referenza ser tkun ibbażata fuq it-totali nazzjonali rrapportati fir-Rapport tal-Inventarju Nazzjonali mill-Unjoni Ewropea u tista' tiġi aġġornata minħabba titjib metodoloġiku għall-inventarju tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.
(c)	Għall-istrateġiji, il-pjanijiet u l-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4, il-paragrafu 6, tal-Ftehim ta' Pariġi, jew il-politiki u l-miżuri bħala komponenti ta' kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali fejn mhux applikabbli l-paragrafu 1(b) ta' hawn fuq, il-partijiet għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti oħra;	Mhux applikabbli
(d)	Il-mira relattiva għall-indikatur ta' referenza, espressa numerikament, pereżempju f'perċentwal jew ammont ta' tnaqqis;	Tnaqqis domestiku nett fl-ekonomija kollha <sup>1</sup> ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990.
(e)	Informazzjoni dwar is-sorsi tad-data użata fil-kwantifikazzjoni tal-punt(i) ta' referenza;	Il-kwantifikazzjoni tal-indikatur ta' referenza ser tkun ibbażata fuq id-data rrapportata fir-Rapport tal-Inventarju Nazzjonali mill-Unjoni Ewropea.
(f)	Informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li fihom il-Parti tista' taġġorna l-valuri tal-indikaturi ta' referenza.	Il-valuri jistgħu jiġu aġġornati minħabba titjib metodoloġiku fl-inventarju tal-gassijiet serra.

<sup>1</sup> It-terminu "domestiku" jfisser mingħajr l-użu ta' krediti internazzjonali.

<b>2 Skedi ta' żmien u/jew perjodi għall-implimentazzjoni:</b>		
(a)	Skeda ta' żmien u/jew perjodu għall-implimentazzjoni, inkluż data tal-bidu u tat-tmiem, konsistenti ma' kwalunkwe deċiżjoni rilevanti oħra adottata mill-Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA);	Mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030
(b)	Jekk hijiex mira ta' sena waħda jew pluriennali, kif japplika.	Mira ta' sena waħda, 2030
<b>3 Kamp ta' applikazzjoni u kopertura:</b>		
(a)	Deskrizzjoni ġenerali tal-mira;	<p>Il-mira hija mira legalment vinkolanti fl-ekonomija kollha ta' tnaqqis domestiku nett tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbel mal-1990, mingħajr kontribut minn krediti internazzjonali.</p> <p><b>L-ambitu ġeografiku:</b> L-UE u l-Istati Membri tagħha (il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja)<sup>2</sup></p> <p>Din it-taqsimha tqis il-leġiżlazzjoni li ġejja biex tilħaq il-mira msejta: Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/857 (ir-Regolament dwar l-ESR), <b>ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament LULUCF) kif emendat bir-Regolament (UE) 2023/839 (ir-Regolament LULUCF)</b>. Leġiżlazzjoni addizzjonali u miżuri ta' mitigazzjoni, fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri, jikkontribwixxu għat-tnaqqis meħtieġ biex tintlaħaq din il-mira kif koperta fin-narrattiva tal-ewwel u t-tieni parti ta' din il-preżentazzjoni.</p>

<sup>2</sup> Inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE (Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Mayotte, Reunion, Saint Martin (Franza), il-Gżejjer Kanarji (Spanja), l-Azores u Madeira (il-Portugall)).

(b) Is-setturi, il-gassijiet, il-kategoriji u r-raggruppamenti koperti mill-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali, inkluż, kif applikabbli, b'mod konsistenti mal-linji gwida tal-Grupp Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC);

Aktar dettalji ser jingħataw **f'konformità mal-linji gwida tal-IPCC fir-Rapporti Biennali dwar it-Trasparenza mill-Unjoni Ewropea Setturi koperti:**

Enerġija

Avjazzjoni: L-emissjonijiet mill-avjazzjoni ċivili huma inklużi biss fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> minn titjiriet soġġetti għal ipprezzar tal-karbonju effettiv permezz tal-EU ETS. Dawn jinkludu titjiriet fiż-Żona Ekonomika Ewropea, titjiriet li jitolqu lejn l-Iżvizzera u titjiriet li jitolqu lejn ir-Renju Unit.

Trasport Marittimu: In-navigazzjoni fuq l-ilma hija inkluża fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, il-metan u l-ossidu nitruż minn vjaġġi fl-UE.

Kategoriji oħra tas-sorsi tal-enerġija skont il-linji gwida tal-IPCC

Proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti

Agrikoltura

Skart

Użu tal-Art, Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF) (ara t-Taqsima 5e għal aktar informazzjoni dwar dan is-settur).

**Gassijiet:**

Diossidu tal-

karbonju (CO<sub>2</sub>)

Metan (CH<sub>4</sub>) Ossidu

Nitruż (N<sub>2</sub>O)

Idrofluworokarburi

(HFCs)

Perfluworokarburi (PFCs)

Eżafluworur tal-kubrit

((SF<sub>6</sub>) Trifluworur tan-

nitroġenu (NF<sub>3</sub>)

(c) Kif il-Parti tkun qieset il-paragrafu 31(c) u (d) tad-deċiżjoni 1/CP.21; (Sorsi, bjar u jekk xi kategoriji huma esklużi)

L-NDC tal-UE huwa mifrux mal-ekonomija kollha u għaldaqstant huwa f'konformità ma' din id-dispożizzjoni.

- (d) Il-kobenefiċċji ta' mitigazzjoni li jirriżultaw mill-azzjonijiet ta' adattament tal-Partijiet u/jew il-pjanijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika, inkluż deskrizzjoni ta' proġetti, miżuri u inizjattivi speċifiċi tal-azzjonijiet ta' adattament tal-Partijiet u/jew il-pjanijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika.
- Mhux Applikabbli

#### 4 Proċess tal-ippjanar:

- (a) Informazzjoni dwar il-proċessi tal-ippjanar li l-Parti wettqet biex tkejjli l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha u, jekk disponibbli, dwar il-pjanijiet ta' implimentazzjoni tal-Parti, inkluż, kif xieraq:
- (i) Arranġamenti istituzzjonali domestiċi, parteċipazzjoni pubblika u involviment mal-komunitajiet lokali u l-popli indiġeni, b'mod reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;
- Il-kontenut tal-NDC tal-UE huwa bbażat fuq valutazzjoni tal-impatt estensiva<sup>3</sup>, kif ukoll fuq il-kontributi tal-partijiet ikkonċernati, miġbura permezz ta' konsultazzjoni pubblika<sup>4</sup>.
- L-NDC tal-UE jitthejja fil-kuntest tal-impenn tal-UE għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-prijoritajiet trasversali, kif artikolati f'impenni bħal: l-impenn li jinħolqu u jiġu massimizzati sinerġiji bejn id-dimensjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-iżvilupp sostenibbli<sup>5</sup>; l-integrazzjoni tad-dimensjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri mill-Istati Membri fil-pjanijiet u l-istrateġiji nazzjonali tagħhom, skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Enerġija u l-Klima tal-UE<sup>6</sup>, il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi<sup>7</sup>; l-appoġġ tal-UE għall-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni<sup>8</sup>. L-UE għandha l-għan li tikseb parteċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri u tħeġġeġ il-parteeipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali, effettivi u sinifikanti tan-nisa u l-bniet fil-livelli kollha tal-azzjoni klimatika u tat-teħid

<sup>3</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Persunal SWD (2020) 176

<sup>4</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12265-2030-Climate-Target-Plan/public-consultation\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12265-2030-Climate-Target-Plan/public-consultation_mt)

<sup>5</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' April 2019, Lejn Unjoni dejjem aktar sostenibbli sal-2030

<sup>6</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12265-2030-Climate-Target-Plan/public-consultation\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12265-2030-Climate-Target-Plan/public-consultation_mt)

<sup>7</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020)

<sup>8</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2017 dwar il-Popli Indiġeni

- (ii) Kwistjonijiet kuntestwali, inkluż, fost oħrajn, kif xieraq:
- a) Ċirkostanzi nazzjonali, bħall-ġeografija, il-klima, l-ekonomija, l-iżvilupp sostenibbli u l-qerda tal-faqar
  - b) L-aħjar Prattiki u esperjenza relatati mat-tnejja tal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali
  - c) Aspirazzjonijiet u prijoritajiet kuntestwali oħra rikonoxxuti mas-sħubija mal-Ftehim ta' Pariġi

tad-deċiżjonijiet. L-UE ser tkompli tappoġġa wkoll l-involvement sinifikattiv taż-żgħażaġh u tat-ftal fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar it-tibdil fil-klima, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar il-klima u żżid is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-tibdil fil-klima. L-UE tilqa' r-rikonoxximent mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Assemblea Ġenerali tan-NU li d-dritt għal ambjent nadif, b'saħħtu u sostenibbli huwa dritt tal-bniedem u ser tinvolvi ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet li javvanzaw dan id-dritt u tippromwovi l-inklużjoni u n-nondiskriminazzjoni. L-UE tirrikonoxxi l-kontribut tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam ambjentali, li qed jiffaċċjaw livelli bla preċedent ta' theddid u attacki.

L-atti leġiżlattivi kollha tal-UE huma soġġetti għal konsultazzjoni pubblika qabel l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. L-arranġamenti ta' governanza huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika u fir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Dan jinkludi sistema ta' governanza msaħħa relatata mal-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ integrati fl-oqsma ta' politika dwar il-klima u l-enerġija, inkluż fir-rigward tal-miri, il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet tal-klima u l-enerġija, u l-inventarji u d-dispożizzjonijiet għall-parteċipazzjoni pubblika fuq diversi livelli kif ukoll konsultazzjonijiet pubbliċi li għandhom isiru mill-Istati Membri bi tnejja tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima li jimplimentaw il-miri ta' politika tagħhom sal-2030. Dawn l-atti legali jinkludu klawżoli ta' rieżami skont iċ-ċiklu ta' ħames snin li tizzied l-azzjoni klimatika ambizzjuża taħt il-Ftehim ta' Pariġi.

Barra minn hekk, l-UE qed timplimenta miżuri biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Artikolu 2.1 (c) tal-Ftehim ta' Pariġi, li jinkludu fost l-oħrajn l-EU ETS, jew il-Qafas tal-UE għall-Finanzi Sostenibbli, inkluż dwar il-politika tas-suq finanzjarju u qed tkompli taħdem biex il-flussi finanzjarji jsiru aktar konsistenti ma' perkors ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u reżiljenti għall-klima

(b) Informazzjoni speċifika applikabbli għall-Partijiet, inkluż organizzazzjonijiet għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali u l-Istati membri tagħhom, li jkunu laħqu ftehim li jaġixxu b'mod konġunt skont l-Artikolu 4, paragrafu 2, tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż il-Partijiet li qablu li jaġixxu b'mod konġunt u t-termini tal-ftehim, f'konformità mal-Artikolu 4, paragrafi 16–18, tal-Ftehim ta' Pariġi

L-UE u l-Istati Membri tagħha b'dan jinnotifikaw is-segretarjat tal-UNFCC dwar l-intenzjoni li jaġixxu b'mod konġunt skont l-Artikolu 4.2 tal-Ftehim ta' Pariġi skont il-leġiżlazzjoni li tinsab fit-taqsimu 3(a) hawn fuq, li tiddekrivi kif l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikunu responsabbli għall-kisba ta' dan l-NDC.

It-tnaqqis rispettiv fl-emissjonijiet huwa kif ġej.

- Skont id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet: **l-UE ser tnaqqas l-emissjonijiet tagħha mis-setturi koperti minn din il-leġiżlazzjoni bi 62 % mil-livelli tal-2005 sal-2030.**
- Ir-Regolament (UE) 2023/857 jistabbilixxi mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fil-livell tal-UE ta' 40 % sal-2030, meta mqabbel mal-2005, għas-setturi li jkopri. **Kull Stat Membru tal-UE ser inaqqas l-emissjonijiet tiegħu mil-livelli tal-2005 sal-2030 f'konformità mal-perċentwali li ġejjin: il-Belġju 47 %, il-Bulgarija 10 %, iċ-Ċekja 26 %, id-Danimarka 50 %, il-Ġermanja 50 %, l-Estonja 24 %, l-Irlanda 42 %, il-Greċja 22.7 %, Spanja 37.7 %, Franza 47.5 %, il-Kroazja 16.7 %, l-Italja 43.7 %, Ċipru 32 %, il-Latvja 17 %, il-Litwanja 21 %, il-Lussemburgu 50 %, l-Ungerija 18.7 %, Malta 19 %, in-Netherlands 48 %, l-Awstrija 48 %, il-Polonja 17.7 %, il-Portugall 28.7 %, ir-Rumanija 12.7 %, is-Slovenja 27 %, is-Slovakkja 22.7 %, il-Finlandja 50 %, l-Iżvezja 50 %.**
- Ir-Regolament (UE) 2023/839 (li jemenda r-Regolament (UE) Nru 218/841) jistabbilixxi **mira vinkolanti tal-Unjoni ta' assorbimenti netti fis-settur tal-LULUCF.** L-ambitu ġeografiku tal-mira issa huwa ż-żona sħiħa koperta minn art ġestita fl-Unjoni. Kull Stat Membru għandu mira nazzjonali vinkolanti għall-2030 għaż-żieda fl-assorbimenti netti ta' gassijiet serra, **li flimkien ser jaslju għall-mira kollettiva tal-UE ta' assorbimenti netti ta' 310 Mt CO<sub>2</sub>.**
- **Barra minn hekk, kull Stat Membru jimpenja ruħu li jikseb somma ta' emissjonijiet u assorbimenti netti ta' gassijiet serra għall-perjodu mill-2026 sal-2029.**

- Il-mira għall-2030 għal kull Stat Membru hija żieda fl-assorbimenti netti meta mqabbel mad-data mill-2016 sal-2018 irrapportata fl-2032, kif ġej: Belġju -320Kt CO<sub>2</sub>ek, Bulgarija -1163kt CO<sub>2</sub>ek, Ċekja -827kt CO<sub>2</sub>ek, Danimarka -441Kt CO<sub>2</sub>ek, Ġermanja -3751Kt CO<sub>2</sub>ek, Estonja -434Kt CO<sub>2</sub>ek, Irlanda -626Kt CO<sub>2</sub>ek, Greċja -1154Kt CO<sub>2</sub>ek, Spanja -5309Kt CO<sub>2</sub>ek, Franza -6693Kt CO<sub>2</sub>ek, Kroazja -593Kt CO<sub>2</sub>ek, Italja -3158Kt CO<sub>2</sub>ek, Ċipru -63Kt CO<sub>2</sub>ek, Latvja -639Kt CO<sub>2</sub>ek, Litwanja -661Kt CO<sub>2</sub>ek, Lussemburgu -27Kt CO<sub>2</sub>ek, Ungerija -934Kt CO<sub>2</sub>ek, Malta -2Kt CO<sub>2</sub>ek, Netherlands -435Kt CO<sub>2</sub>ek, Awstrija -879Kt CO<sub>2</sub>ek, Polonja -3278Kt CO<sub>2</sub>ek, Portugall -968Kt CO<sub>2</sub>ek, Rumanija -2380Kt CO<sub>2</sub>ek, Slovenja -212Kt CO<sub>2</sub>ek, Slovakkja -504Kt CO<sub>2</sub>ek, Finlandja -2889Kt CO<sub>2</sub>ek, Żvezja -3955Kt CO<sub>2</sub>ek.

(c) Kif it-tħejjija mill-Parti tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha tkun tnebbħet mill-eżiti tar-rendikont globali, f'konformità mal-Artikolu 4, paragrafu 9, tal-Ftehim ta' Pariġi;

L-UE għandha tistabbilixxi l-mira klimatika tagħha f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Għal dak il-għan, sa mhux aktar tard minn 6 xhur mill-ewwel Rendikont Globali, il-Kummissjoni għandha tagħmel proposta leġislattiva, kif xieraq, dwar mira klimatika għall-Unjoni kollha għall-2040 ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt dettaljata, skont l-Artikolu 4.3 tar-REGOLAMENT (UE) 2021/1119 DWAR IL-LIĠI EWROPEA DWAR IL-KLIMA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-30 ta' Ġunju 2021.

(d) Kull Parti b'kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta' Pariġi li jikkonsisti minn azzjoni ta' adattament u/jew pjanijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika li jirriżultaw f'kobenefiċċji ta' mitigazzjoni konsistenti mal-Artikolu 4, paragrafu 7, tal-Ftehim ta' Pariġi, għandha tippreżenta informazzjoni dwar:

(i) Kif il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-miżuri ta' rispons ġew ikkunsidrati fl-iżvilupp tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali;

(ii) Proġetti, miżuri u attivitajiet speċifiċi li għandhom jiġu implimentati biex jikkontribwixxu għal kobenefiċċji ta' mitigazzjoni, inkluż informazzjoni dwar pjanijiet ta' adattament li jrendu wkoll kobenefiċċji ta' mitigazzjoni, li jistgħu jkopru, iżda mhumiex limitati għal, setturi ewlenin, bħall-enerġija, ir-riżorsi, ir-riżorsi tal-ilma, ir-riżorsi kostali, l-insedjamenti umani u l-ippjanar urban, l-agrikoltura u l-forestrija; u l-azzjonijiet ta' diversifikazzjoni ekonomika, li jistgħu jkopru, iżda mhumiex limitati għal, setturi bħall-manifattura u l-industrija, l-enerġija u l-minjieri, it-trasport u l-komunikazzjoni, il-kostruzzjoni, it-turiżmu, il-proprjetà immobbli, l-agrikoltura u s-sajd

**5 Suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi, inkluż dawk għall-istima u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra antropoġeniċi u, kif xieraq, l-assorbimenti:**

(a) Suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi użati għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra antropoġeniċi li jikkorrispondu għall-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tal-Parti, konsistenti mad-deċiżjoni 1/CP.21, paragrafu 31, u l-gwida kontabilistika adottata mis-CMA; Mhux applikabbli.

L-approċċ attwali tal-UE għall-kontabbiltà huwa f'konformità mal-metodoloġiji u l-metriċi komuni vvalutati mill-IPCC (ara 5(d), hawn taħt). Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, l-approċċ ser ikun f'konformità mal-gwida kontabilistika għall-NDCs li tinsab fl-Anness II għad-deċiżjoni 4/CMA.1.

(b)	Suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi użati għall-kontabbiltà tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri jew strateġiji fil-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali;	Mhux applikabbli. L-NDC tal-UE huwa tnaqqis assolut u mifrux mal-ekonomija kollha tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.
(c)	Jekk applikabbli, informazzjoni dwar kif il-Parti ser tiegħu kont tal-metodi u l-gwida eżistenti skont il-Konvenzjoni biex jiġu kontabilizzati l-emissjonijiet u l-assorbimenti antropoġeniċi, f'konformità mal-Artikolu 4, paragrafu 14, tal-Ftehim ta' Pariġi, kif xieraq;	Ara 5 (d), hawn taħt.
(d)	Metodoloġiji u metriċi tal-IPCC użati għall-istima tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra antropoġeniċi;	Metodoloġiji: Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC. Metriċi: Il-Potenzjal ta' Tisħin Globali fuq medda ta' żmien ta' 100 sena f'konformità mal-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC.
(e)	Suppożizzjonijiet, metodoloġiji u approċċi speċifiċi għas-settur, għall-kategorija jew għall-attività konsistenti mal-gwida tal-IPCC, kif xieraq, inkluż, kif applikabbli:	Il-qafas ta' politika LULUCF tal-UE jibni fuq il-gwida tal-IPCC, il-prinċipji tal-TACCC u r-regoli kontabilistiċi eżistenti, filwaqt li jaġġornahom u jtejjibhom għall-perjodu mill-2021 sal-2030. Il-qafas ta' politika japplika, mill-2026, l-emissjonijiet u l-assorbimenti netti rrapportati, u hekk jikkontribwixxi għall-għan li jissaħħu l-bjar tal-art netti tal-UE fit-tul.
(i)	Approċċ li jindirizza l-emissjonijiet u l-assorbimenti sussegwenti minn disturbi naturali fuq artijiet ġestiti;	L-Istati Membri jistgħu, fil-perjodu mill-2021 sal-2025, jużaw dispożizzjoni għal disturbi naturali fuq art afforestata u art forestali ġestita kif tinsab fl-Artikolu 10 u l-Anness VI għar-Regolament (UE) 2018/841 ( <b>emendat bir-Regolament 2023/839</b> ). Din id-dispożizzjoni ma tibqax tiġi applikata mill-2026.
(ii)	Approċċ użat biex jiġu kontabilizzati l-emissjonijiet u l-assorbimenti minn Prodotti tal-injam maħsud;	L-UE tuża l-Approċċ ta' Produzzjoni kif definit fil-Linji Gwida tal-IPCC; ara wkoll l-Artikolu 9 u l-Anness V għar-Regolament (UE) 2018/841 ( <b>emendat bir-Regolament 2023/839</b> ). Ir-regolament rivedut 2023/839 jipprevedi r-rieżami attiv ta' prodotti innovattivi għall-ħżin tal-karbonju.
(iii)	Approċċ użat biex jiġu indirizzati l-effetti tal-istruttura tal-klassi tal-età fil-foresti;	Sal-2025, il-livelli ta' referenza projettati għal Art Forestali Ġestita (Art Forestali li tibqa' Art Forestali) iqisu l-istruttura tal-klassi tal-età tal-foresta sabiex jiġu kontabilizzati l-bidliet fil-prattiki ta' ġestjoni; ara wkoll l-Artikolu 8 u l-Anness IV għar-Regolament (UE) 2018/841 ( <b>emendat bir-Regolament 2023/839</b> ). Mill-2026 'il quddiem, il-livelli ta' referenza ma jibqgħux jiġu applikati.

- (f) Suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi oħra użati għall-fehim tal-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali u, jekk applikabbli, l-istima tal-emissjonijiet u l-assorbimenti korrispondenti, inkluż:
- (i) Kif jitfasslu l-indikaturi ta' referenza, ix-xenarju/i ta' referenza u/jew il-livell(i) ta' referenza, inkluż, fejn applikabbli, il-livelli ta' referenza speċifiċi għas-settur, għall-kategorija jew għall-attività, inkluż, pereżempju, parametri ewlenin, suppożizzjonijiet, definizzjonijiet, metodoloġiji, sorsi tad-data u mudelli użati;

L-approċċ tal-UE għe żviluppat f'konformità mal-linji gwida tal-2006 tal-IPCC għall-inventarji tal-gassijiet serra; konsistenti mad-deċiżjoni 18/CMA.1. Id-Deċiżjoni tas-CMA (5/CMA.3) tippermetti wkoll lill-Partijiet jużaw l-irfinar tal-IPCC tal-2019 fuq bażi volontarja. Xi Stati Membri bdew jużaw l-irfinar, li huwa rifless ukoll fl-inventarju tal-UE. Il-mira titqies kontra l-assorbimenti netti ta' gassijiet serra (emissjonijiet) li jseħħu fit-territorji tal-Istati Membri għal:

**Kategoriji tal-LULUCF:** L-emissjonijiet u l-assorbimenti li jseħħu fuq kategoriji rrapportati ta' art forestali, art tal-għelejjel, art bil-ħaxix, artijiet mistagħdra, insedjamenti, art oħra, prodotti tal-injam maħsud, depożiti atmosferiċi oħrajn u lissija tan-nitroġenu u nitroġenu mal-ilma tax-xeba', inkluż it-tibdil fl-użu tal-art bejn dawn il-kategoriji.

**Raggruppamenti tal-LULUCF:** Bijomassa ħajja; Mifrex; Injam mejjet; Karbonju organiku fil-ħamrija minerali; Karbonju organiku fil-ħamrija organika; Prodotti tal-injam maħsud  
Gassijiet tal-LULUCF: CO<sub>2</sub>, CH<sub>4</sub>, N<sub>2</sub>O

(ii) Għal Partijiet b'kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali li fihom komponenti mhux ta' gassijiet serra, informazzjoni dwar suppożizzjonijiet u approċċi metodoloġiċi użati fir-rigward ta' daww il-komponenti, kif applikabbli;	Mhux applikabbli. L-NDC tal-UE huwa mira assoluta għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha.
(iii) Għas-sustanzi imkwinanti klimatiċi inklużi fil-kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali mhux koperti mil-linji gwida tal-IPCC, informazzjoni dwar kif jiġu stmati s-sustanzi inkwinanti klimatiċi;	Mhux applikabbli. L-NDC tal-UE jinkludi biss sustanzi b'impatti klimatiċi koperti mil-linji gwida tal-IPCC (ara t-Taqsima 3 b).
(iv) Aktar informazzjoni teknika, kif meħtieġ;	Mhux applikabbli.

- (g) L-intenzjoni li tintuża l-kooperazzjoni volontarja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi, jekk applikabbli.

Il-mira tal-UE ta' tnaqqis nett ta' mill-inqas 55 % sal-2030 għandha tinkiseb permezz ta' miżuri domestiċi biss, mingħajr kontribut minn krediti internazzjonali.

In-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein ilhom jipparteċipaw fl-EU ETS mill-2008, u ftehim li jgħaqqad l-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE ma' dik Żvizzera daħal fis-seħħ fl-2020. L-UE qed tkompli tesplora l-possibiltajiet li torbot l-EU ETS ma' skemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet robusti oħra.

L-UE ser tikkontabilizza l-kooperazzjoni tagħha ma' dawn il-Partijiet, u ma' kwalunkwe Parti oħra, permezz tal-EU ETS, b'mod konsistenti mal-gwida adottata mis-CMA1 u kwalunkwe gwida ulterjuri maqbula mis-CMA.

## **6 Kif il-Parti tikkunsidra li l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha huwa ġust u ambizzjuż fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali tagħha:**

- (a) Kif il-Parti tikkunsidra li l-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali tagħha jkun ġust u ambizzjuż fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali tagħha;

L-NDC tal-UE huwa kemm ambizzjuż kif ukoll ġust peress li ser jistabbilixxi waħda mill-akbar ekonomiji fid-dinja dipendenti fuq il-fjuwils fossili u industrijalizzati, fuq perkors lejn in-newtralità klimatika sal-2050, filwaqt li jqis il-ġustizzja u s-solidarjetà fost l-Istati Membri b'ċirkostanzi nazzjonali differenti.

L-NDC jirrifletti l-mira tal-UE għall-2030, li saret vinkolanti permezz tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima li timpenja wkoll lill-UE biex tkun newtrali għall-klima sal-2050. Il-mira għall-2030 ser tintlaħaq b'mod kollettiv mill-UE, bl-aktar mod kosteffettiv possibbli, permezz tal-pakkett ta' leġiżlazzjoni "Lesti għall-mira ta' 55 %". L-Istati Membri kollha tal-UE ser jipparteċipaw f'dan l-isforz b'mod li jqis il-punti ta' tluq differenti tal-Istati Membri u ċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi u l-potenzjal għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, inkluż dawk tal-Istati Membri gżejjer u tal-gżejjer, kif ukoll l-isforzi li għamlu sa issa.

Il-Liġi Ewropea dwar il-Klima toħloq sistema għall-monitoraġġ tal-progress u ttipprevedi bażi legali għat-teħid ta' azzjoni ulterjuri jekk ikun meħtieġ. Din tipprowdi prevedibbiltà għall-investituri u atturi ekonomiċi oħra u tiżgura li t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tkun irriversibbli.

L-UE għandha rekord twil ta' twettiq tal-politiki tagħha dwar il-klima. L-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tagħha (minbarra l-LULUCF u l-avjazzjoni internazzjonali) naqsu b'1939 miljun tunnellata ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub> mill-1990 (jew 34.3 %) u laħqu l-aktar livell baxx tagħhom matul dan il-perjodu fl-2020 (3708 miljun tunnellata ekwivalenti ta' CO<sub>2</sub>). L-UE ddiżakkoppjat progressivament il-prodott domestiku gross (PDG) tagħha mill-emissjonijiet tagħha ta' gassijiet serra meta mqabbel mal-1990, b'żieda fil-PDG ta' 54 % flimkien ma' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' madwar 34 % matul l-istess perjodu.

Sabiex tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima b'mod ġust, mingħajr ma ħadd jitħalla jibqa' lura, l-UE stabbiliet Fond Soċjali għall-Klima biex jappoġġa lill-unitajiet domestiċi, lill-mikrointrapriżi u lill-utenti tat-trasport vulnerabbli biex ilaħħqu mal-impatti fuq il-prezzijiet tas-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet għall-bini u t-trasport bit-triq u l-fjuwils għal setturi addizzjonali. Il-Fond għandu jkun iffinanzjat direttament b'mod eċċezzjonali u temporanju mid-dħul tal-kwoti mill-ETS.

Ir-reviżjoni tal-EU ETS issaħħaħ ukoll il-Fond għall-Modernizzazzjoni ffinanzjat mill-EU ETS biex mill-2024 jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet ta' investiment sinifikanti tat-13-il Stat Membru bi dħul aktar baxx. Dan jinkludi appoġġ għall-investimenti fil-ħżin tal-enerġija, il-ġenerazzjoni u l-użu ta' sorsi rinnovabbli u l-modernizzazzjoni ta' networks tal-enerġija, inkluż il-pipelines, il-grilji u t-tisħin distrettwali, filwaqt li tiġi promossa tranżizzjoni ġusta f'reġjuni dipendenti fuq il-karbonju.

---

(b) Kunsiderazzjonijiet ta' ġustizzja, inkluż li jirriflettu fuq l-ekwiżità;

Skont is-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra jeħtieġ li jonqsu b'madwar 43 % taħt il-livelli tal-2019 sal-2030 biex ikunu fit-triq it-tajba biex jillimitaw it-tiġin għal 1.5 °C. Il-mira tal-UE ta' "mill-inqas -55 %" hija konsistenti ma' dan il-livell ta' tnaqqis, filwaqt li tibni fuq it-tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet miksub mill-UE mis-sena bażi 1990.

L-aktar xenarji ambizzjużi tal-IPCC (konsistenti ma' 1.5° C mingħajr ebda eċċess jew b'eċċess limitat) huma simili għal dawk tar-Rapport Speċjali tal-2018 dwar 1.5 °C li informa l-mira tal-UE ta' "mill-inqas -55 %", kif ukoll l-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050. Il-kisba ta' dawn l-objettivi ser tfisser li l-UE tiddekarbonizza aktar malajr mill-pass meħtieġ għad-dinja kollha f'dawn ix-xenarji. Għall-2050, l-objettiv tal-UE li tinkiseb in-newtralità klimatika jmur lil hinn min-newtralità karbonika (biss) meħtieġa fil-livell globali madwar dak iż-żmien.

Ta' min jinnota wkoll li l-UE diġà naqqset l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal 31 % taħt il-livelli tal-1990, filwaqt li l-emissjonijiet żdiedu b'aktar minn 50 % madwar id-dinja. L-UE qabżet b'mod sostanzjali l-miri tagħha għall-2020, anke mingħajr ma jitqiesu l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Matul dak il-perjodu, it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabeż dak ta' kwalunkwe ekonomija ewlenija oħra żviluppata jew li qed tiżviluppa.

Fuq il-bażi ta' per capita, l-emissjonijiet tal-UE huma wkoll fost l-aktar baxxi minn kwalunkwe ekonomija ewlenija bi dħul għoli u inqas minn diversi ekonomiji emerġenti.

Is-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC jikkonferma wkoll li impenn sostnut għall-azzjoni klimatika, bħal dak tal-UE, kien effettiv fir-regġuni fejn sar

---

		tentattiv biex isir dan l-impenn. Huwa jsib ukoll li politiki sostenibbli dwar il-klima wasslu għal tnaqqis fl-ispejjeż għal teknoloġiji b'emissjonijiet baxxi u tnaqqis tal-emissjonijiet pluriennali (anke meta mkejla fuq bażi ta' konsum), u ma sab l-ebda evidenza ta' rilokazzjoni sinifikanti tal-emissjonijiet minn politiki tal-ipprezzar tal-karbonju ġestiti tajjeb.
(c)	Kif il-Parti tkun indirizzat l-Artikolu 4, paragrafu 3, tal-Ftehim ta' Pariġi;	Dan l-NDC jirrappreżenta progressjoni tal-ambizzjoni meta mqabbel mal-NDC inizjali tiegħu għall-istess perjodu ta' żmien. Ara l-paragrafu 6a
(d)	Kif il-Parti tkun indirizzat l-Artikolu 4, paragrafu 4, tal-Ftehim ta' Pariġi	L-UE hija f'konformità ma' din id-dispożizzjoni billi għandha mira assoluta għall-ekonomija kollha
(e)	Kif il-Parti tkun indirizzat l-Artikolu 4, paragrafu 6, tal-Ftehim ta' Pariġi.	Mhux applikabbli fl-UE

## 7 Kif il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tal-Konvenzjoni kif jinsab fl-Artikolu 2 tagħha:

- (a) Kif il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tal-Konvenzjoni kif jinsab fl-Artikolu 2 tagħha;
- (b) Kif il-kontribut stabbilit fil-livell nazzjonali jikkontribwixxi għall-Artikolu 2, paragrafu 1(a), u l-Artikolu 4, paragrafu 1, tal-Ftehim ta' Pariġi.

L-UE tikkunsidra li l-NDC tagħha huwa skont l-objettiv tal-UNFCCC u l-mira fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi tal-UNFCCC, kif spjegat fil-paragrafi 6a u 6b.